IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.7.2022
COM(2022) 326 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-eżerċitar tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-eżerċitar tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi

1. Introduzzjoni

Dan ir-rapport jissodisfa l-obbligu stabbilit għall-Kummissjoni mill-Artikolu 51(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament dwar l-Informazzjoni dwar l-Ikel")[1]. Ir-Regolament dwar l-Informazzjoni dwar l-Ikel jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali, ir-rekwiżiti u r-responsabbiltajiet li jirregolaw l-informazzjoni dwar l-ikel, u b'mod partikolari t-tikkettar tal-ikel. L-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel irid jsegwi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-interessi tal-konsumaturi billi jipprovdi bażi għall-konsumaturi finali biex jagħmlu għażliet infurmati u biex jużaw l-ikel b'mod sigur, b'mod partikolari fir-rigward ta' konsiderazzjonijiet sanitarji, ekonomiċi, ambjentali, soċjali u etiċi.

L-Artikolu 51(2) tar-Regolament dwar l-Informazzjoni dwar l-Ikel jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati dwar is-suġġett imsemmi fid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- Artikolu 9(3): il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi l-kriterji li soġġett għalihom dettall obbligatorju wieħed jew aktar jistgħu jiġu espressi permezz ta' pittogrammi jew simboli minflok kliem jew numri sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jibbenefikaw minn mezzi oħra ta' espressjoni. F'dan il-kuntest, għandu jiġi żgurat l-istess livell ta' informazzjoni bħal bi kliem u numri u għandha titqies l-evidenza ta' fehim uniformi tal-konsumatur.
- Artikolu 10(2): il-Kummissjoni tista' temenda l-Anness III, li jistabbilixxi dettalji obbligatorji addizzjonali għal tipi jew għal kategoriji speċifiċi ta' ikel, sabiex tiġi żgurata l-informazzjoni għall-konsumatur fir-rigward ta' dak l-ikel u biex jitqiesu l-progress tekniku, l-iżviluppi xjentifiċi, il-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi jew l-użu sikur tal-ikel.
- Artikolu 12(3): meta tkun adattata aħjar għal ċerti dettalji obbligatorji, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi kriterji li soġġett għalihom ċerti dettalji obbligatorji jistgħu jiġu espressi b'mezzi oħra għajr fuq il-pakkett jew fuq it-tikketta. F'dawk il-każijiet, irid jiġi żgurat l-istess livell ta' informazzjoni għall-konsumaturi, filwaqt li titqies evidenza ta' fehim uniformi tal-konsumatur u tal-użu wiesa' ta' dawn il-mezzi mill-konsumaturi.
- Artikolu 13(4): il-Kummissjoni trid tistabbilixxi regoli għal-leġġibbiltà tad-dettalji obbligatorji sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 16(1) u 16(2), il-Kummissjoni tista' testendi wkoll għal dettalji obbligatorji addizzjonali, għal tipi jew għal kategoriji speċifiċi ta' ikel, ir-rekwiżit li l-isem tal-ikel, il-kwantità netta tal-ikel u, għal xorb li fih aktar minn 1,2 % skont il-volum ta' alkoħol, il-qawwa alkoħolika proprja skont il-volum, jidhru fl-istess kamp viżiv.

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004 (ĠU L 304 22.11.2011, p. 18).

- Artikolu 19(2): f'każijiet eċċezzjonali, filwaqt li titqies ir-rilevanza għall-konsumatur ta' lista ta' ingredjenti għal tipi jew għal kategoriji speċifiċi ta' ikel, il-Kummissjoni tista' tissupplimenta l-lista ta' ikel li ma huwiex meħtieġ li jkollu lista ta' ingredjenti, sakemm l-ommissjonijiet ma jirriżultawx f'konsumatur finali jew f'caterers tal-massa li ma jkunux infurmati b'mod adegwat.
- Artikolu 21(2): il-Kummissjoni trid teżamina mill-ġdid u, fejn meħtieġ, taġġorna l-lista ta' sustanzi jew prodotti li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi tal-Anness II biex tiżgura informazzjoni aħjar għall-konsumaturi u biex tqis l-aktar progress xjentifiku u għarfien tekniku reċenti.
- Artikolu 23(2): il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, għal ċertu ikel speċifikat, mod għall-espressjoni tal-kwantità netta għajr f'unitajiet ta' volum (litri, ċentilitri, millilitri) għal prodotti likwidi u f'unitajiet ta' massa (kilogrammi, grammi), sabiex jiġi żgurat fehim aħjar mill-konsumatur tal-informazzjoni dwar l-ikel fuq it-tikkettar.
- Artikolu 30(6): sabiex titqies ir-rilevanza tagħhom, il-Kummissjoni tista' temenda, billi żżid jew tneħħi dettalji, il-listi tad-dettalji tad-dikjarazzjoni obbligatorja dwar in-nutrizzjoni li jistgħu jissupplimentawha (l-Artikolu 30(2)); l-informazzjoni tad-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni li tista' tiġi ripetuta (l-Artikolu 30(3)); il-kontenut tad-dikjarazzjoni volontarja dwar in-nutrizzjoni meta pprovduta fuq xorb alkoħoliku b'anqas minn 1,2 % ta' alkoħol (l-Artikolu 30(4)); u l-kontenut tad-dikjarazzjoni volontarja dwar in-nutrizzjoni fejn prevista fuq ikel mhux ippakkjat bil-lest (l-Artikolu 30(5)).
- Artikolu 31(2): il-Kummissjoni tista' tadotta fatturi ta' konverżjoni għall-vitamini u għall-minerali li jistgħu jiġu ddikjarati fid-dikjarazzjoni dwar in-nutrizzjoni, sabiex jiġi kkalkulat b'mod aktar preċiż il-kontenut ta' tali vitamini u minerali fl-ikel.
- Artikolu 36(4): meta l-operaturi tan-negozji tal-ikel jipprovdu informazzjoni volontarja dwar l-ikel fuq bażi diverġenti li tista' tqarraq jew tfixkel lill-konsumatur, il-Kummissjoni tista' tipprevedi każijiet addizzjonali ta' għoti ta' informazzjoni volontarja dwar l-ikel għajr dawk diġà msemmija fl-Artikolu 36(3), sabiex jiġi żgurat li l-konsumaturi jkunu informati kif xieraq.
- Artikolu 46: mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(2) u għall-Artikolu 21(2) imsemmija hawn fuq, relatati rispettivament mal-emendi tal-Annessi III u II, il-Kummissjoni tista' temenda l-Annessi biex tqis il-progress tekniku, l-iżviluppi xjentifiċi, is-saħħa tal-konsumaturi, jew il-ħtieġa tal-konsumaturi għall-informazzjoni.

2. Bażi ġuridika

Skont l-Artikolu 51(2) tar-Regolament dwar l-Informazzjoni dwar l-Ikel, is-setgħa li jiġu adottati atti delegati skont l-Artikolu 9(3), l-Artikolu 10(2), l-Artikolu 12(3), l-Artikolu 13(4), l-Artikolu 18(5), l-Artikolu 19(2), l-Artikolu 21(2), l-Artikolu 23(2), l-Artikolu 30(6), l-Artikolu 31(2), l-Artikolu 36(4) u l-Artikolu 46 ingħatat lill-Kummissjoni għal perjodu inizjali ta' ħames snin wara t-12 ta' Diċembru 2011. Il-Kummissjoni kellha tippreżenta rapport dwar l-eżerċizzju tad-delega tas-setgħa mogħtija mir-Regolament dwar l-Informazzjoni dwar l-Ikel mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perjodi ta' ħames snin, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jopponu tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Il-Kummissjoni adottat l-ewwel rapport dwar l-eżerċizzju tad-delega tas-setgħat skont ir-Regolament dwar l-Informazzjoni dwar l-Ikel fil-11 ta' Marzu 2016[2]. Dak ir-rapport iddeskriva l-attivitajiet imwettqa matul il-perjodu ta' żmien.

3. Eżerċizzju tad-delega

Matul il-perjodu li jibda mill-11 ta' Marzu 2016 sal-lum, il-Kummissjoni ma identifikatx il-ħtieġa li tagħmel użu minn kwalunkwe setgħa delegata mogħtija mir-Regolament dwar l-Informazzjoni dwar l-Ikel. Filwaqt li s-setgħat delegati kollha mogħtija jibqgħu xierqa, id-deċiżjoni li ma jintużawx kienet ir-riżultat ta' valutazzjoni regolari u soda tal-aspetti koperti mid-delegazzjonijiet tas-setgħa matul il-perjodu inkwistjoni, abbażi tar-rispons miġbur mill-awtoritajiet nazzjonali, mill-konsumaturi u mill-partijiet ikkonċernati u fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-Informazzjoni dwar l-Ikel.

B'mod partikolari, l-Artikoli 13(1) sa 13(3) tar-Regolament dwar l-Informazzjoni dwar l-Ikel jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-preżentazzjoni tad-dettalji obbligatorji sabiex ikunu viżibbli faċilment, jinqraw b'mod ċar u, fejn xieraq, ma jitħassrux. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata l-leġġibbiltà tagħhom, l-Artikoli 13(2) u 13(3) u l-Anness IV tar-Regolament jistabbilixxu rekwiżiti minimi tad-daqs tat-tipa filwaqt li jqisu s-superfiċje tal-materjal. Il-"leġġibbiltà" kif iddefinita fl-Artikolu 2(2)(m) tar-Regolament dwar l-Informazzjoni dwar l-Ikel tirreferi wkoll għal aspetti oħra tal-preżentazzjoni, bħall-ispazju bejn l-ittri, l-ispazju bejn il-linji, il-wisa' tal-ittri, il-kulur tat-tipa, it-tipografija, il-proporzjon bejn il-wisa' u l-għoli tal-ittri, u l-kuntrast bejn l-ittri stampati u l-isfond. F'dan il-kuntest, l-Artikolu 13(4) tar-Regolament jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi regoli addizzjonali għal-leġibbiltà tad-dettalji obbligatorji biex jintlaħqu l-objettivi tar-Regolament. L-implimentazzjoni tal-Artikoli 13(1) sa 13(3) tar-Regolament dwar l-Informazzjoni dwar l-Ikel s'issa ma ġabet l-ebda evidenza li r-regoli eżistenti ma jkunux biżżejjed biex jiggarantixxu l-leġibbiltà ċara tad-dettalji obbligatorji. Filwaqt li tqis l-għan ġenerali li jinkiseb il-bilanċ it-tajjeb bejn il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-flessibbiltà biex ikun permess twettiq bla xkiel tan-negozju għall-operaturi tan-negozju tal-ikel, il-Kummissjoni ma sabitx li jkun xieraq, matul il-perjodu inkwistjoni, li timplimentata s-setgħa rċevuta biex jiġu introdotti rekwiżiti addizzjonali relatati mal-leġibbiltà tad-dettalji obbligatorji.

Barra minn hekk, bis-saħħa tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament dwar l-Informazzjoni dwar l-Ikel, il-Kummissjoni trid teżamina mill-ġdid b'mod sistematiku l-lista ta' sustanzi jew prodotti li jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi inklużi fl-Anness II. Fid-dawl ta' dik il-valutazzjoni permanenti, fejn meħtieġ, il-Kummissjoni taġġorna l-lista sabiex tiżgura informazzjoni aħjar għall-konsumaturi u sabiex tqis l-aktar progress xjentifiku u għarfien tekniku reċenti. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, matul il-perjodu inkwistjoni, il-Kummissjoni mmonitorjat mill-qrib is-sitwazzjoni fir-rigward ta' sustanzi jew ta' prodotti li jistgħu jikkawżaw allerġiji jew intolleranzi u ma ġabret l-ebda evidenza li tissuġġerixxi li hemm il-ħtieġa li jittieħed pass ulterjuri għal modifika tal-Anness II tar-Regolament dwar l-Informazzjoni dwar l-Ikel.

Kif ħabbar ir-rapport tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2016 dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni, l-Artikolu 18(5) tar-Regolament dwar l-Informazzjoni dwar l-Ikel ġie abolit fl-1 ta' Jannar 2018.

---

[2] Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżerċitar tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 li jikkonċerna l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi. COM(2016) 138 final.

4. Konklużjoni

Mill-11 ta’ Marzu 2016, il-Kummissjoni ma eżerċitatx is-setgħat delegati mogħtija lilha skont ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011. Hija tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta’ dan ir-rapport.